# 153 *Kif tħossok int dwar dan?*

**(Ebrej 13:15)**

1. Kif tħossok int dwar dan,
   li tipprietka b'mod ħerqan?
   Biex issalva n-nies stinkajt
   u għamilt kulma stajt.
   M'Alla qed taħdem int
   fl-aqwa xogħ'l—minn dan konvint.
   Huwa jagħżel mill-bnedmin
   lil dawk 'l uħud ġwejdin.

(*KOR*)

*Nifirħu żgur u nithennew*
*minkejja li kultant ngħejew.*
*Għalhekk ħa nkomplu ntuh tifħir*
*għal dejjem—xi pjaċir!*

2. Kif tħossok int dwar dan,
   kliemek jista' jġib serħan
   lil dawk illi jagħmlu s-sew
   u l-verità fittxew?
   Hemm min idur mit-triq,
   jagħti dahru lill-Ħallieq.
   Xorta nkomplu fix-xandir
   u nfaħħru 'l ismu l-kbir.

(*Kor*)

**3. Kif tħossok int dwar dan,**
**li qed jgħinek is-Sovran**
**u li fdak hu b'dan ix-xogħ'l**
**illi qed nagħmlu lkoll?**
**B'ferħ aħna nippritkaw,**
**kliem grazzjuż u sod nużaw.**
**Ejja nfittxu lill-ġwejdin**
**għax qrib it-tmiem qegħdin.**
**(*Kor*)**

**(Ara wkoll Atti 13:48; 1 Tess. 2:4; 1 Tim. 1:11.)**

*snylpnw*-MT Nru. 153 4/16
© 2016 Watch Tower Bible and Tract Society of Pennsylvania